MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 676/2003

***Aquatess Limited***

***vs***

***Mark Briffa***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erbgha u tletin lira Maltin (Lm1034.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-18 ta' Marzu 2002, 8 ta' April 2002, 14 ta' Gunju 2002, 10 ta' Ottubru 2002 u 10 ta' Dicembru 2002, kif ukoll tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghax ta' 8% mit-18 ta' Marzu 2002 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-Avukat Dr. Renato Cefai ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erbgha u tletin lira Maltin (Lm1034), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Marzu 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-18 ta' Marzu 2002, 8 ta' April 2002, 14 ta' Gunju 2002, 10 ta' Ottubru 2002 u 10 ta' Dicembru 2002, kif ukoll tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru

pprezentati kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------